L-Ittra Ssigillata

Kien fl-eqqel tax-xitwa tas-sena elfejn u sebgħa. Dak iż-żmien, jien kont għadni naħdem ma' kumpanija tal-aġenti sigrieti. Għodwa waħda, il-kap tal-kumpanija fejn kont naħdem jien, bagħtni biex immur nagħti ittra ssiġillata lil ċertu Ċensu Carabott, direttur ta' kumpanija tal-kostruzzjoni. Ħaġa waħda biss qalli hekk kif f'idejja telaqli din l-ittra. "Ara biss ifettillek tiftaħ is-siġill!"

Jiena wegħdtu li kont se nobdi l-kmand tiegħu. Għalhekk, jiena tlaqt mill-uffiċju mal-ħaġra t-tajn, u bqajt sejra dritt lejn id-dar tas-Sur Carabott. Bdejt inħoss il-friefet fl-istonku bl-eċitament li kelli! Kont naf li jekk nagħmel dik il-biċċa xogħol kif suppost, kont se naqla' kemxa flus ġmielha!

Malli qrajt l-indirizz, indunajt li d-dar kienet fl-imwarrab, x'imkien lejn l-inħawi tal-Buskett. Kienet se tkun aktar diffiċli għalija biex nasal hemm, għaliex ma kontx naf x'għawġ kont nista' niltaqa' miegħu. Kienet kesħa xxoqq il-għadam. Ix-xemx kienet diġa' bdiet nieżla. Ma kellix ħin x'nitlef!

Ma kellix għażla oħra ħlief li nħalli l-karozza kilometri 'l bogħod. Għamilt il-ħsieb li nieħu t-triq bil-mixi. Hekk ma nagħtix fil-għajn. Hekk kif kont diġa' mxejt biċċa ġmielha, qalbi ħebritni li xiħadd kien qed jimxi warajja. Dak il-ħin ridt inżomm kalma kemm jista' jkun... Imma ma stajtx.

Nicole Schembri Form 1.02 Anastasia

F'daqqa waħda rajt raġel ġej minn faċċata. Dlonk ħarist lura u rajt ieħor ġej minn warajja... Mela sewwa kont ħsibt!! Dak il-ħin ma kontx naf x'se naqbad nagħmel. Ridt insib mod kif naħrab. Tlaqt niġri b'kemm kelli saħħa għal ġol-għelieqi. Jien stess ma nafx kif qbiżt dawk iċ-ċnut kollha. Nifsi beda jinqatagħli... Ma stajtx niġri aktar... L-għaraq kesaħ miegħi, u bdejt inħossni ħażin!

Irnexxieli nsib kenn wara gorboġ ġebel. Iżda ma stajtx indum nistaħba. Beda jidlam, u jien kelli nwassal l-ittra. Ma stajtx infalli.

Dak il-ħin ġibt quddiem għajnejja lill-familja tiegħi. Missieri spiċċa bla xogħol, u xbajt nara lil ommi dejjem tibki u għajjiena. Din l-ittra ridt inwassalha bilfors! Il-flus li wegħdni l-kap ridt nakkwistahom akkost ta' kollox! Għamilt il-qalb u komplejt għal triqti, b'seba' għajnejn.

Fl-aħħar ħadt nifs qawwi! Id-dar tas-Sur Carabott stajt naraha sew. B'ġirja sfrenata, tlajt it-taraġ wieqaf li kien jagħti għall-ħdejn il-bieb tad-dar. Hekk kif qbadt il-ħabbata, ħassejt pala ta' id kiesħa silġ taqa' fuq spallejja. Dak il-ħin l-għaraq xaqq għalija! Dawwart wiċċi, u ma stajtx nemmen lil għajnejja.....

Nicole Schembri Form 1.02 Anastasia